**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 124/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Wadea Al Maghrbi**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Wadea Al Maghrbi**, iben Jamal u Fatima, imwieled fis-27 ta' Novembru 1990 ġewwa l-Libja u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 144366A:

1. Talli fit-8 ta' Marzu 2022, għall-ħabta ta' bejn 15:00hrs u 16:00hrs ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq Emvin Cremona, Floriana, u fl-akwati tal-madwar, ikkommetta serq ta' oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Nadine Muscat u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Nadine Muscat kontra l-volontà tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Nadine Muscat, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Kyle Flores-Martin, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 3756, tal-Berġa tas-Saħħa, Floriana;

4. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi

moghtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti: (i) tikkundanna lil Wadea Al Maghrbi għall-ħlas ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "GM1" u Dok. "GM2" a fol. 7 sa' 12 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Nadine Muscat, permezz ta' Digriet datat 9 ta' Marzu 2022[2];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit mogħtija waqt is-seduti tat-23 ta' Marzu 2022[3] u tal-31 ta' Awwissu 2022[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "LZ1" sa' Dok. "LZ6" a fol. 24 sa' 30 tal-proċess[5], kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Wadea Al Maghrbi" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2019, Dok. "LZ7" a fol. 140 sa' 142 tal-proċess, u s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Wadea Al Maghrbi" ukoll pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2018, Dok. "LZ8" a fol. 143 sa' 154 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Nadine Muscat mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu 2022[6] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "NM1" a fol. 41 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Kevin Colombo[7] u ta' Dr. Kyle Flores-Martin[8] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2022, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Marisa Lautier Mifsud[9], Dr. Christopher Spiteri in rappreżentanza ta' Transport Malta[10], Charmaine Zammit in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited[11], PC735 Ryan Cassar[12] u PC1488 Charlot Mizzi[13] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2022 u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat esebita minn Dr. Marisa Lautier Mifsud markata Dok. "MLM1" a fol. 69 sa' 90 tal-proċess, id-dokument esebit minn Dr. Christopher Spiteri markat Dok. "CS1" a fol. 92 sa' 95 tal-proċess u d-dokument esebit minn Charmaine Zammit markat Dok. "CZ1" a fol. 98 sa' 108 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC738 Albert Polidano[14], PC618 Karl Mifsud[15], PC1308 Adrian Penza[16] u ta' Sara

[1] Fol. 13 tal-proċess.
[2] Fol. 17 tal-proċess.
[3] Fol. 19 sa' 23 tal-proċess u fol. 42 tal-proċess.
[4] Fol. 138 u 139 tal-proċess.
[5] Dok. "LZ5" u Dok. "LZ6" għandhom Esebit Nru. KA/87/2022.
[6] Fol. 31 sa' 40 tal-proċess.
[7] Fol. 54 sa' 59 tal-proċess.
[8] Fol. 60 u 61 tal-proċess.
[9] Fol. 67 tal-proċess.
[10] Fol. 91 tal-proċess.
[11] Fol. 96 tal-proċess.
[12] Fol. 109 sa' 112 tal-proċess.
[13] Fol. 116 sa' 118 tal-proċess.
[14] Fol. 123 sa' 125 tal-proċess.
[15] Fol. 126 sa' 128 tal-proċess.
[16] Fol. 129 sa' 131 tal-proċess.

Ezabe[17] mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Sara Ezabe markati Dok. "SE1" a fol. 134 sa' 137 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1087 Roderick Degiorgio[18], ta' l-Ispettur Gabriel Micallef[19] u ta' l-Ispettur Stephen Gulia[20] mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022 u rat il-CCTV Footage Analysis u CDs bil-footage esebiti minn PC1087 Roderick Degiorgio markati Dok. "RD1" u Dok. "RD2" a fol. 167 sa' 185 tal-proċess;

Rat li fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2023[21], id-Difiża ddikjarat li l-imputat jeżenta lill-Qorti (f'dak l-istadju Qorti Istruttorja) kif presjeduta (in segwitu għall-assenjazzjoni ta' dawn il-proċeduri lill-Maġistrat sedenti minn flok il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke wara li ġiet elevata għal Imħallef) milli terġa' tisma' l-provi kollha prodotti sa' dak l-istadju;

Rat in-Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju ta 'l-Avukat Ġenerali datata 7 ta' Diċembru 2022[22], permezz ta' liema bagħat lil Wadea Al Maghrbi sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(g), 262(1)(a), 262(2), 267, 271(g), 274(ċ), 275, 277(a), 279, 280(2)(3), 281(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoi 17, 18, 20, 31, 383, 384, 385, 412Ċ, 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2023[23], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[24], id-Difiża ddikjarat li l-imputat ma għandux provi u li jagħżel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli: (1) talli fit-8 ta' Marzu 2022, għall-ħabta ta' bejn 15:00hrs u 16:00hrs ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq Emvin Cremona, Floriana, u fl-akwati tal-madwar, ikkommetta serq ta' oġġetti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Nadine Muscat u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entitajiet oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Nadine Muscat

[17] Fol. 132 u 133 tal-proċess.
[18] Fol. 161 sa' 166 tal-proċess.
[19] Fol. 186 u 187 tal-proċess.
[20] Fol. 188 sa' 191 tal-proċess.
[21] Fol. 200 tal-proċess.
[22] Fol. 194 u 195 tal-proċess.
[23] Fol. 200 tal-proċess.
[24] Fol. 203 tal-proċess.

kontra l-volontà tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha; (3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Nadine Muscat, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Kyle Flores-Martin, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 3756, tal-Berġa tas-Saħħa, Floriana; (4) u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 7 ta' Diċembru 2022[25], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(g), 262(1)(a), 262(2), 267, 271(g), 274(ċ), 275, 277(a), 279, 280(2)(3), 281(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoi 17, 18, 20, 31, 383, 384, 385, 412Ċ, 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi prodotti:**

F'dawn il-proċeduri xehedu s-segwenti:

- **Nadine Muscat**[26], l-allegata vittma, illi xehdet li kienet sfat vittma ta' serqa b'aggressjoni nhar it-8 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tat-3:30p.m., ġewwa l-Furjana, quddiem l-MSPCA. Hija ddikjarat li *dakinhar kelli l-karozza pparkjata ftit l-isfel mill-main door ta' l-MSPCA. Kelli mmur niġbor kelb mill-MSPCA. Ħriġt mill-karozza, għalaqt il-bieb u mort għall-kelb. Kif erġajt ġejt lura indunajt li kien hemm raġel fil-karozza. Affaċċjat ir-raġel, staqsejtu x'inhu jagħmel fil-karozza, kien qed jipprova idaħħal iċ-ċavetta fil-karozza biex jistartja. Immumbilja xi kliem li ma stajtx nifhmu u telaq jiġri.* Nadine Muscat iddikjarat li dan ir-raġel kien bilqiegħda fuq is-seat tax-xufier u li għalkemm il-vettura kienet magħluqa ma kenitx imsakkra. Muscat kompliet tiddikjara li *affaċċjat f'mument ta' paniku x'inhu jagħmel fil-karozza. Immumbilja xi affarijiet u telaq jiġri. Dak il-ħin indunajt li l-basket, il-handbag li kienn fuq il-passenger seat u l-mowbajl ma kienux hemmhekk. Bdejt nipprova nfittex fil-karozza, bdejt insaqsi fejn hu ... l-basket tiegħi, beda jimmumbilja xi affarijiet, beda jippunta lejn is-seat ta' wara u telaq jiġri. Fuq is-seat ta' wara kien hemm l-backbag tiegħu mhux il-backbag tiegħi.* Ippreċiżat li dan ir-raġel telaq jiġri lejn id-direzzjoni ta' Triq Sant' Anna.

  Muscat kompliet tiddikjara li *minn hemmhekk iddeċidejt li nidħol fil-karozza, nieħu il-basket tiegħu l-għassa u nagħmel rapport. Sakemm qed nidħol fil-karozza reġa' ġie lura, beda jgħajjat miegħi sadanittant jiena kont qiegħda bilqiegħa fuq id-driver seat, beda jgħajjat ma' wiċċi, beda jgħajjat li jrid il-basket tiegħu. Jiena bdejt*

[25] Fol. 194 u 195 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, fol. 31 sa' 40 tal-proċess.

*niġġieled miegħu, bdejt insaqsieh fejn hu l-basket tiegħi għax ma ridtx intieh il-basket tiegħu. Daħal fuqi biex jiġbed il-basket tiegħu. … Prova jiġbed il-basket tiegħu, il-backbag tiegħu mis-seat ta' wara. Jiena qbadtu niġri qabel ma' jieħdu hu, żammejtu f'idi kif qed tarani hekk u qabdu wkoll u beda jiġbed il-basket fl-istess ħin. Ħin minnhom jiena bdejt nagħtih bis-sieq b'saqajja biex jipprova jitlaq il-basket biex inkun naf fejnu l-basket tiegħi u f'ħin minnhom ġibidni u tefani ma' l-art. … kien qed iżomm il-basket jien kont qed inżomm il-basket. Ġibidni f'daqqa jiġifieri kien qed iżomm il-basket dak il-ħin, jien kont qed nikklenċja miegħu. U sabbatni fuq il-bankina u kaxkarni. Imbagħad biex nitlaq il-basket beda jtini bil-backbag fuq wiċċi, in the meantime rasi bdiet tinstabat mal-bankina, ma nafx kemm minuti damet, f'ħin minnhom tant kemm bdejt inweġġa' li tlaqt il-basket u telaq jiġri. … Telaq jiġri lejn id-direzzjoni fejn isiru l-eżamijiet tal-karozzi.*

Fir-rigward tal-ġrieħi sofferti, Nadine Muscat iddikjarat li meta ġew ta' l-ambulanza fuq il-post huma nvistawha biex jaraw x'tip ta' ġrieħi kellha u qalulha biex tmur il-Polyclinic. Bħala fatt marret il-Polyclinic tal-Furjana fejn it-Tabib li nvistaha irriskontralha xi ġrieħi li ġew minnu kklassifikati bħala ġrieħi ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet, hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat esebit mill-Ispettur Lydon Zammit bħala Dok. "LZ2" a fol. 28 tal-proċess[27]. Muscat ippreżentat ukoll *Discharge Note* datata 18 ta' Marzu 2022, maħruġa mill-Isptar Mater Dei, Dok. "NM1" a fol. 41 tal-proċess, minn liema jirriżulta li sarilha CT Scan minħabba uġigħ ta' ras li kien qed jippersisti iżda dan irriżulta fin-normal.

In kwantu rigwarda dak li nsterqilha, Nadine Muscat iddikajrat li kellha *basket ditta Michael Kors abjad u iPhone 13 Pro Mac mobile* u għall-fini tal-valur iddikjarat li dan kien bejn €1,000/€1,400. In kwantu rigwarda affarijiet oħra li seta' kellha fil-basket, Muscat iddikjarat *kelli affarijiet oħra … imma l-kontenuti li kienu fil-handbag sibthom ġol-laptop bag tiegħi stess, jiġifieri ħa l-ħin li jieħu l-affarijiet minn ġol-basket u jitfahom ġo basket ieħor*. Murija dokument Dok. "LZ6"[28], esebit mill-Ispettur Lydon Zammit fil-kors tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, Nadine Muscat għarrfet li dan kien il-basket tagħha, filwaqt li murija Dok. "LZ7"[29], ukoll esebit mill-Ispettur Lydon Zammit, hija għarfet li dak kien il-backpack tar-raġel li kien fil-vettura tagħha u li serqilha l-basket tagħha u aggrediha. Fir-rigward tal-mobile, hija ddikjarat li f'xi ħin wara li nsteraq *bdejna naraw il-mowbajl jittrakkja minn fuq il-laptop tagħna, beda jiċċaqlaq. … lejn in-naħa tal-Marsa wara l-korsa ta' l-isports ground jekk minix, sejra żball, in-naħa tal-Marsa*, iżda imbagħad minn dakinhar 'l hemm ma reġax inxtegħel. Għall-fini ta' deskrizzjoni ta' dan ir-raġel li xehdet dwaru, Nadine Muscat iddikjarat li meta tkellem huwa tkellem bl-Ingliż iżda li kellu aċċent Għarbi u li kellu *karnaġġjon naqra skur, għajnejh kannella, xagħru kannella u kellu xi tpinġija fuq ġismu. … Naf li kellu fuq idejh u kellu fuq għonqu. Kellu top bil-kuluri vjola u ħodor, bil-forom fuqu*. Hija għarrfet lill-imputat bħala dan il-persuna li seraqha u aggrediha u għarfet ukoll li d-dokument Dok. "LZ5"[30], esebit mill-Ispettur Lydon Zammit, kien fih ukoll il-ġakketta li l-imputat kien liebes dakinhar ta' l-inċident.

- **Kevin Colombo**[31], xhud okulari, illi ddikjara li f'Marzu ta' l-2022, għall-ħabta tat-3:30p.m./3:45p.m., wara li spiċċa mix-xogħol, huwa ħareġ lejn il-karozza tiegħu, li

---

[27] Dan iċ-ċertifikat ġie esebit mill-Ispettur Lydon Zammit fil-kors tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu 2022.
[28] Esebit Nru. KA/87/2022.
[29] *Ibid.*
[30] *Ibid.*
[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2022, fol. 54 sa' 58 tal-proċess.

kienet ipparkjata l-Furjana hdejn id-*dogs home*, u *kif dħalt fil-karozza wara ftit bdejt nisma' qisu argumenti, għajjat, qishom ġuvni u tfajla qed jiġġieldu ... mingħajr ma trid qisek tħares. Nara ġuvni ħiereġ 'l barra minn ġo vettura, ħiereġ 'l barra tiela' n-naħa, id-direzzjoni ta' triq tal-Furjana, il-main road. ... Triq ta' Sant' Anna, tiela' dik id-direzzjoni u f'daqqa waħda reġa' niżel u reġa' dar lura. ... Niżel 'l isfel, litterlament ħareġ lil din it-tfajla minn ġol-vettura u qabad litteralment isabbatha ma' l-art. Isabbatilha rasha ma' l-art. Dak il-ħin ir-reazzjoni tiegħi, dan ħa joqtolha, ħa jweġġagħha. Għajjat oi, dak il-ħin, l-imputat, is-sinjur qed nagħrfu hawnhekk, inqala' minn fuqha u niżel 'l isfel, direzzjoni fejn kien hemm il... tal-karozza. Jiena dort lejħ għidtlu x'inti tagħmel u beda jsemmi qal xi ħaġa bag u mhux bag u f*ck. ... Jien bqajt tiela' d-direzzjoni ta' fejn kien hemm din it-tfajla, hi bdiet tgħajjat għall-għajjut, mitluqa ma' l-art. ... Dak il-ħin qaltli seraqni, seraqli l-handbag. ... Ċempilt il-Pulizija u ċempilt l-ambulanza. Ma missejthiex, għidtilha aħjar le. Fejn qed inkellimha kienu neżlin żewġ nisa li jaħdmu l-Planning għax jien naħdem il-Planning ... qaluli dik ... għadha kif bdiet taħdem magħna. U daħluha, qamet hi bilwieqfa, jiġifieri qamet waħdeha, għidtilha stenna l-ambulanza, qamet bilwieqfa u daħlet wara l-assistenza. Sadanittant, laħqu ġew il-Pulizija, tajthom id-deskrizzjoni tiegħi, fejn kien mar, urejthom li kien hemm il-cameras, fejn kien hemm il-cameras.*

Dwar id-deskrizzjoni ta' l-aggressur, Kevin Colombo ddikjara *naf li kellu, kien liebes flok qisha bic-checked, qishom imqaret, qishom checked hekk il-flokk tiegħu, kellu qalziet ta' kulur skur u xi ġakketta qisha skura. ... kellu tattoo fuq ġenb. Għax hu kif għadda minn miegħi rajtlu t-tattoo hemm xi ponot ... jiġifieri dehru tilgħin minn ma' l-għonq ... xagħru letteralment qisha bin-nokkli, hekk goffa.* Fir-rigward tal-ġrieħi sofferti mit-tfajla, Kevin Colombo ddikjara *dak il-ħin qabdet tgħajjat bl-uġiegħ ġo rasha ... bdiet tgħid għax kellha ħafna uġiegħ ġo rasha u sidirha u allura jiena ma missejtiex.* Mistoqsi kien qed jagħraf lil xi ħadd fl-Awla, Colombo wieġeb li kien qed jagħraf lill-imputat bħala l-persuna li agredixxa lit-tfajla in kwistjoni, ossia lil Nadine Muscat.

- **Dr. Kyle Flores-Martin**[32], it-Tabib li nvista lil Nadine Muscat fil-Polyclinic tal-Furjana, illi xehed li fit-8 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' 5:20p.m. huwa kien invista lil Nadine Muscat, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 336493(M), u rriżulta li kellha *multiple haematomas over the skull li kienu tender on palpitation. Haematoma over the nasal bridge. Slight haematoma over the forehead bilaterally on both sides, superficial abrasions over the left side of the neck with tenderness of palpitations over the right scapular area. At the time of examination, the range of motion was not limited. So, they were abrasions and bruising over the left hand and also abrasions and bruising over the left anterior knee*. Dr. Flores-Martin ikkonferma ċ-ċertifikat maħruġ minnu markat Dok. "LZ2" a fol. 28 tal-proċess, esebit mill-Ispettur Lydon Zammit fil-kors tax-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, u kkonferma li kklassifika l-ġrieħi ta' Nadine Muscat bħala ħfief, salv kumplikazzjonijiet.

- **L-Ispettur Lydon Zammit**[33], wieħed mill-Uffiċjali tal-Pulizija li nvestigaw dan il-każ, illi xehed li *fit-8 ta' Marzu ta' din is-sena, għall-ħabta tal-3:45 il-Pulizija konna infurmati li fit-Triq Emvin Cremona ġewwa l-Floriana, ħdejn il-bini ta' l-SPCA kien hemm persuna femminili kienet qed tiġi aggredita minn persuna maskili. Sa' dak il-ħin l-informazzjoni li daħlet għand il-Pulizija kienet li setgħet kienet inċident*

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2022, fol. 60 u 61 tal-proċess.
[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, fol. 19 sa' 23 tal-proċess.

*domestiku, jiġifieri bħala l-ġuvni qed jattakka t-tfajla tiegħu, iżda meta l-Pulizija, kemm mill-Għassa tal-Belt, kemm mir-Rapid Intervention Unit, u kemm min-naħa tagħna, jiena personalment inżilna fuq il-post ġie kkonfermat li ma kienx każ domestiku iżda din it-tfajla, ċertu Nadine Muscat bin-numru ta' l-identità 336493(M), kienet ġiet attakkata u misruqa minn persuna u kien serqilha xi affarijiet personali tagħha.* L-Ispettur Zammit iddikjara li huwa kien kellem lil Nadine Muscat u mix-xhieda tiegħu jirriżulta li hija rrakkuntalu l-akkadut bl-istess mod u dettalji li tat quddiem il-Qorti. Anke d-deskrizzjoni li tat lill-Pulizija ta' l-agressur tagħha, hekk kif tirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Zammit, kienet bħal dik li Nadine Muscat tat quddiem il-Qorti. Iddikjara wkoll li miċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Kyle Flores-Martin, mill-Polyclinic tal-Furjana, ċertifikat esebit minnu bħala Dok. "LZ2" a fol. 28 tal-proċess, jirriżulta li Nadine Muscat sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa. L-Ispettur iddikjara wkoll li kellem lix-xhud okulari Kevin Colombo li qalilhom x'kien ra u tahom deskrizzjoni ta' l-aggressur ta' Nadine Muscat.

Fir-rigward ta' l-investigazzjoni dwar dan il-każ, l-Ispettur Lydon Zammit iddikjara *mill-ewwel bdejna nniżżlu xi cameras li hemm fil-post mill-SPCA fejn ġie ikkonfermat li l-persuna kien daħal fil-karozza qabel ma affrontatu l-vittma. Jidher sejjer bil-handbag l-abjad, għaliex hi qalet meta kellimniha, li ma ratux sejjer bil-handbag tagħha, iżda mill-camera jinqabad sejjer bil-handbag tagħha ġewwa l-vettura, jaqsam it-triq għal faċċata, hemm bring-in sites, u jerġa' jmur mingħajr il-handbag. Jidher ċar li l-handbag huwa tagħha mill-kulur u mill-għamla. U jerġa' jidher jidħol ġol-vettura sakemm il-vittma tavviċinah u anke jidher jaħrab minn fuq il-post. Minkejja li hemm fil-bogħod, tidher kommissjoni li kif spjegat kemm il-vittma u kemm ix-xhud, kien meta sawwatha għal diversi drabi. Il-handbag kien instab wara li rajna l-cameras, instab handbag minni stess wara l-bring-in sites li hemm faċċata tal-vettura tagħha li hija vettura b'reġistrazzjoni NAD-199 u nġabar għal aktar investigazzjoni.* Dan il-handbag ġie esebit mill-Ispettur Lydon Zammit bħala Dok. "LZ6"[34] u ngħaraf minn Nadine Muscat bħala l-basket tagħha.

L-Ispettur Zammit iddikjara ulterjorment li *għall-ħabta tal-17:00 ta' filgħaxija ġejt infurmat minn PC735 u PC1488, waqt li bdew isiru r-rondi biex jinstab din il-persuna, fejn ġejt infurmat li fit-Triq il-Gerrejja ġewwa l-Marsa, kien instab il-persuna suspettat. Jien ovvjament dak il-ħin tajt l-ordni biex jiġi arrestat sakemm jiena flimkien mal-kollegi, flimkien ma' l-Ispettur Stephen Gulia, u xi uffiċjali oħra inżilna fuq il-post fejn kien diga' ingħata d-drittijiet tiegħu imma erġajna tajnihomlu aħna min-naħa tagħna u li kien qed jiġi arrestat rigward din is-serqa. Il-persuna kienet ġiet identifikata bħala Wadea Al Maghrbi bin-numru ta' l-identità 144366A, fejn minn riċerka li għamilna rriżultalna li kien għadu ħiereġ ftit xhur qabel mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Saret search fuqu iżda l-mobile phone ma kienx instab u ġie eskortat għad-Depot fejn kien għażel li jkellem avukat tal-Legal Aid fejn tkellem ma' Dr. Maria Karlsson, itteħditlu stqarrija permezz ukoll ta' l-interpretu, kien preżenti Bader Zina, u kien innega li kien involut fl-inċident iżda kien ammetta li kien fuq il-post. Meta ġie muri anke c-CCTV kien qal li kien fuq il-post imma b'konċidenza u baqa' jgħid li hu qatt ma jsawwat mara b'dak il-mod. Iktar tard ġejt infurmat kemm mill-vittma u kemm mill-familjari tagħha li l-mobile kien inxtagħal u kien qiegħed fl-istess post, jiġifieri Triq il-Ġerrejja ġewwa l-Marsa u kien qed jindika li kien qiegħed fuq il-post hemmhekk. Aħna nżilna fuq il-post. Huwa l-istess post eżatt fejn ġie arrestat Wadea, iżda mill-investigazzjoni u kif provajna, kemm saret it-*

[34] Esebit Nru. KA/87/2022.

*tfittxija fl-inħawi u kemm saret tfittxija fuq ċertu persuni li kien hemm fl-area, ma nstabx. Sussegwentement l-għada, fid-9 ta' Marzu, Wadea Al Maghrbi, li jien qed nagħraf hawnhekk bħala l-imputat, ġie mressaq quddiem il-Maġistrat ta' l-Għassa Dr. Nadine Lia.*

L-Ispettur Lydon Zammit ippreżenta r-rapport tal-Pulizija dwar il-każ - Dok. "LZ1" a fol. 24 sa' 27 tal-proċess, żewġ stqarrijiet awdjo-viżwali ta' l-imputat - Dok. "LZ3" a fol. 29 tal-proċess, liema stqarrijiet ġew traskritti minn **Dr. Marisa Lautier Mifsud** u esebiti bħala Dok. "MLM1" a fol. 69 sa' 90 tal-proċess, irċevuta għall-oġġetti li ġew elevati mill-pussess ta' l-imputat - Dok. "LZ4" a fol. 30 tal-proċess, u l-ħwejjeġ li kien liebes l-imputat dakinhar ta' l-inċident u l-backpack tiegħu - Dok. "LZ5" Esebit Nru. KA/87/2022, minn liema Nadine Muscat għarfet il-ġakketta li kien liebes u l-backpack. L-Ispettur Zammit ippreżenta wkoll żewġ sentenzi pronunċjati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Wadea Al Maghrbi" deċiża fit-18 ta' Jannar 2019[35] u "Il-Pulizija v. Wadea Al Maghrbi" deċiża fis-7 ta' Diċembru 2018[36].

- Dak affermat mill-Ispettur Lydon Zammit, ġie kkoroborat miż-żewġ Spetturi l-oħra involuti f'dan il-każ u l-investigazzjoni relattiva, ossia l-**Ispettur Gabriel Micallef**[37] u l-**Ispettur Stephen Gulia**[38].

- **PC735 Ryan Cassar**[39], illi xehed li fit-8 ta' Marzu 2022, għall-ħabta tat-3:30p.m., hu u l-kollega tiegħu PC1488, irċevew call mill-Control Room dwar agressjoni fuq mara da parte ta' persuna maskili ġewwa l-Furjana, fi Triq Emvin Cremona, ħdejn l-SPCA. Huwa ddikjara li kif waslu fuq il-post *ipprovajna niġbru kemm nistgħu informazzjoni u minn l-informazzjoni li daħlitilna dak il-ħin, li din is-sinjura … kienet għadha kif lestiet mix-xogħol tagħha u kif marret ħdejn il-vettura tagħha, sabet raġel iqelleb fil-vettura tagħha, kif qaltlu bħal speċi ta x'inti tagħmel hemm, oħroġli minn hemmhekk, milli jidher qaltilna qisu ma tantx fehem għax jista' jkun kien barrani qaltli imma inħasad u ħarab jiġri 'l barra. Qaltli kif ħarab jiġri 'l barra qaltli kien ħadilha l-handbag għax kellha l-handbag fuq is-seat ta' wara u qaltli innutajt li ħalla l-backpack, il-basket fuq is-seat ta' wara. Il-basket tiegħu. Qaltli minnufih reġa' ġie jiġri lura biex jieħu l-basket tiegħu u hi ppruvat iżżommlu l-basket milli jieħdu lura biex ovvjament tipprova żżommu għal dak il-ħin sakemm naslu aħna. Sfortunatament ir-raġel ġie aggressiv magħha, beda, qabadha jiġifieri, prova jieħu l-basket, bdiet iżżommlu l-basket, tefagħha ma' l-art u qaltilna beda jagħtiha bil-ponn, hi reħiet il-basket.* PC735 Ryan Cassar ikkonferma li l-aggressur f'dan il-każ kien l-imputat odjern u ddikjara li kien hu flimkien mal-kollega tiegħu illi għall-ħabta tal-5:00p.m., kienu sabu lill-imputat, skond deskrizzjoni li kellhom ta' l-aggressur, il-Marsa, fl-akkwati ta' l-istallel, u minn hemmhekk għaddew għall-arrest tiegħu.

- Dak affermat minn PC 735 Ryan Cassar, ġie kkonfermat mill-kollega tiegħu **PC1488 Charlot Mizzi**[40]. **PC738 Albert Polidano**[41], **PC618 Karl Mifsud**[42] u **PC1308**

[35] Dok. "LZ7" a fol. 140 sa' 142 tal-proċess.
[36] Dok. "LZ8" a fol. 143 sa' 154 tal-proċess.
[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022, fol. 186 u 187 tal-proċess.
[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022, fol. 188 u 189 tal-proċess.
[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2022, fol. 109 sa' 112 tal-proċess.
[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2022, fol. 116 sa' 118 tal-proċess.
[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, fol. 123 sa' 125 tal-proċess.
[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, fol. 126 sa' 128 tal-proċess.

**Adrian Penza**[43], ilkoll xehdu dwar dak mistqarr magħhom minn Nadine Muscat meta irrikorrew fuq il-post ta' l-akkadut, u dak minnhom affermat jaqbel ferm ma' dak dikjarat mill-kollegi tagħhom l-oħra li wkoll xehdu f'dawn il-proċeduri.

- **PC1087 Roderick Degiorgio**[44], uffiċjal tal-Pulizija ieħor li kien involut fl-investigazzjoni dwar dan il-każ, xehed b'referenza għall-cameras u filmati eżaminati mill-Pulizija u ddikjara li *jiena mort ġewwa l-MSPCA, rajt li kien hemm il-cameras. Il-cameras qegħdin naqra 'l bogħod minn fejn ġara l-inċident però l-angle tagħhom tiġbed ukoll l-inċident jiġifieri l-inċident stajna narawh. Apparti minn hekk rajt li l-persuna li wettaq ir-reat kemm-il darba jgħaddi quddiem il-camera. Minħabba l-fatt li kien wara nofsinhar u l-camera hi pjuttost ta' kwalità stajna nieħdu immaġini pjuttost tajba tal-persuna, jiġifieri kienet immaġini tajba. Ladarba kellna image tal-persuna, ovvjament bdiet it-tfittxija. Sakemm konna fuq il-post ukoll, jiena l-cameras rajthom hemm, eventwalment analizzajthom l-uffiċju, però fuq il-post stajt ninnota li min daħal fil-karozza kien qasam faċċata ta' fejn qiegħda l-karozza, jiġifieri minn bankina għall-bankina l-oħra u kellu xi ħaġa f'idejh. X'ħin iċċekkjajna fil-post, hemm xi skips u wara kien hemm dan il-basket li rriżulta li kien tal-vittma. Kien vojt però kien mormi mbagħad f'ammont ta' żibel li kien hemm wara l-iskips. Wara li għaddejna dan l-image, bdiet tfittxija għal dan il-persuna u madwar siegħa wara bejn wieħed u ieħor, xi membri ta' l-RIU informawna li din l-istess persuna nstabet Triq il-Ġerrejja, Marsa. Jiena flimkien ma' l-Ispettur Lydon Zammit u kemm ma' l-Ispettur Stephen Gulia, morna fuq il-post fejn hemm rajna lil Wadea Maghrbi, il-persuna li qed nagħraf hawn ġewwa l-Qorti, kien liebes l-istess ħwejjeġ li kien liebes waqt li wettaq ir-reat. Dan qed ngħidu ftit siegħat, lanqas jiġifieri madwar bejn wieħed u ieħor siegħa u nofs wara. Apparti minn hekk jiena għamilt download ta' camera oħra, jiġifieri apparti l-MSPCA, għamilt download ta' camera oħra, analizzajthom aktar fid-dettal ġewwa l-uffiċċju, liema cameras ħadt xi stills, għamilthom f'ordni kronoloġika u ħa nippreżenta timeline ta' dak li deher fil-filmat.* Il-filmati jinsabu esebiti bħala Dok. "RD2" a fol. 185 tal-proċess u t-timeline ppreparata minn PC1087 Roderick Degiorgio tinsab esebita bħala Dok. "RD1" a fol. 167 sa' 184 tal-proċess.

Fir-rigward tat-timeline ppreparata minnu u dwar dak minnu riskontrat, PC1087 Roderick Degiorgio ddikjara li *apparti l-istills fih screenshots li ħadt jiena stess minn fuq Google Maps li qed juri l-mappa, il-view tal-post minn fejn sar l-inċident kif ukoll li hemm immarkat il-post minn fejn ittieħdu l-cameras u l-post minn fejn sar l-inċident. F'paġna numru 4, hawn fl-istill ta' fuq u ta' taħt ukoll, l-ewwel darba li jidher il-persuna li wettaq ir-reat li eventwalment ġie identifikat bħala Wadea Al Maghrbi. Il-persuna kien hemmhekk ftit qabel li ġara l-inċident u fil-fatt fl-istill ta' wara hemm close up tiegħu, jiġifieri jekk tara paġna numru 5, ħa tara li fil-fatt, jingħaraf pjuttost sewwa. Dan l-istess ħwejjeġ li qed jidhru f'paġna numru 5 kienu l-istess ħwejjeġ li instab bihom. Għandu still kemm minn quddiem u kemm minn wara. L-istill ta' wara ħadtu biex noħroġ il-fatt li hawn kien qiegħed b'basket, l-istess basket li ħalla warajh fil-vettura meta rritorna. F'paġna numru 6, reġa' jidher fuq il-post, fil-fatt jekk tara l-cameras ħa tinduna li kemm-il darba jkun tiela u nieżel u jibda jdur ma xi karozzi, ma jidhirx as such, fis-sens jibda jdur ma' karozzi b'mod suspettuż. Però ma jidher li qed imiss l-ebda karozza oħra. Prattikament hemm ftit stills oħra li juru dan biex eventwalment f'paġna numru 9, fl-istill ta' fuq, tidher il-vettura tal-vittma, ġejja l-*

---

[43] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, fol. 129 sa' 131 tal-proċess.
[44] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022, fol. 161 sa' 166 tal-proċess.

*ewwel darba fuq il-post. F'paġna numru 10, tidher qed tipparkjha u f'paġna numru 10 ukoll fl-istill t'isfel, tidher dieħla ġewwa l-MSPCA. Iċ-ċirku aħmar mill-banda l-oħra, qed juri l-persuna li ssuspettat għax ovvjament tibqa' ssegwieh u fil-fatt hu Wadea li qed jaqsam u qed imur direzzjoni lejn il-vettura. Fl-istills ta' wara ta' paġna numru 11 l-istess, qed tidher din il-persuna li qed taqsam u tidħol fil-vettura. F'paġna 12, jidher li spjegajt ftit qabel, li il-persuna li kien fil-vettura għal mumenti minnhom, joħroġ jaqsam faċċata u fil-fatt jidher li qed iżomm basket f'idejh. Eventwalment meta ċċekkjajna fil-post, direzzjoni li mar, instab il-basket li kien misruq. F'paġna numru 13, hemm still meħud, screenshot meħud minn Google Maps, fuq qed juri l-iskips fejn wara l-iskips instabu. Filwaqt li t'isfel hu ritratt li ttieħed minna stess u qed juri l-basket tal-vittma. F'paġna numru 14, fl-istill ta' fuq tidher il-vittma ħierġa minn ġol-MSPCA u fl-istill t'isfel, jidher Wadea Al Maghrbi qed jiġri direzzjoni ta' l-MSPCA. Eżatti kif spjegat il-vittma. Issa, hawnhekk, waqt li qed jiġri, jiġi nnotat f'paġna numru 15 li m'għandux basket ma dahru. Eżatt kif spjegat il-vittma li ħalla l-basket fil-vettura. F'paġna numru 15 ukoll, fl-istill t'isfel, jidher qed jiġri lura, jiġifieri mar direzzjoni lejn il-vettura, u hawnhek f'paġna numru 16, kif spjegajt minn qabel, qiegħda 'l bogħod jiġifieri hawn naqra diffiċli biex wieħed jieħu still juri eżatt x'ġara, però jekk tara l-filmat, ħa tara 2 persuni. 2 persuni ma tistax tidentifika liema wieħed hu però ħa tinduna li persuna minnhom waqgħet ma' l-art u l-oħra jidher qed jixxejjru l-idejn u kif ukoll is-saqajn, jiġifieri xi ħadd qed jagħti. Eventwalment, il-persuna li qed tagħti d-daqqiet tingħaraf għax tidher qed taqsam faċċata u mill-camera tas-servizz.Gov jingħaraf Wadea Al Maghrbi għaddej minn taħtha u qed iżomm il-basket li sa' ftit qabel ma kellux f'idejh. F'paġna numru 19 qed nuri, qed nagħmel comparison tal-ħwejjeġ li kien liebes dakinhar li ġie arrestat, ovvjament li huma identiċi għal dawk tal-persuna li wettaq ir-reat.*

- **Dr. Christopher Spiteri**[45], rappreżentant ta' Transport Malta, illi kkonferma li l-vettura ta' l-għamla Nissan Leaf bin-Numru ta' Reġistrazzjoni NAD-199 hija, jew ta' l-inqas saż-żmien tax-xhieda tiegħu kienet, reġistrata f'isem Nadine Muscat, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 336493. In sostenn ta' dan huwa ppreżenta dokument li ġie markat Dok. "CS1" a fol. 92 sa' 95 tal-proċess. **Charmaine Zammit**[46], rappreżentant ta' Epic Communications Limited, illi ppreżentat il-call profile u localisation tan-numru 79063555 għall-ġurnata tat-8 ta' Marzu 2022[47], liema numru huwa rreġistrat f'isem Nadine Muscat, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 336493(M). **Sara Ezabe**[48], rappreżentant ta' l-International Protection Agency ġor-Refugee Commission, illi xehdet li Wadea Al Maghrbi kellu Ċertifikat ta' Protezzjoni maħruġ fil-25 ta' April 2015 li skada fl-24 ta' April 2018, u wara tali ċertifikat ma inħarġlu l-ebda tip ta' ċertifikat ieħor. Hija ppreżentat id-dokumentazzjoni relattiva markata bħala Dok. "SE1" a fol. 134 sa' 137 tal-proċess.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat**

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fit-8 ta' Marzu 2022, għall-ħabta ta' bejn 15:00hrs u 16:00hrs ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq Emvin Cremona, Floriana, u fl-akwati tal-madwar, ikkommetta serq ta' oġġetti, liema

[45] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2022, fol. 91 tal-proċess.
[46] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2022, fol. 96 u 97 tal-proċess.
[47] Dok. "CZ1" a fol. 98 sa' 109 tal-proċess.
[48] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, fol. 132 u 133 tal-proċess.

serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Nadine Muscat u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entitajiet oħra.

Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 7 ta' Diċembru 2022, li biha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 261(a)(ċ)(g), 262(1)(a), 262(2), 267, 271(g), 274(ċ), 275, 277(a), 279, 280(2)(3), 281(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu għar-reat ta' serq il-Qorti tosserva li l-Kodiċi Kriminali tagħna ma jagħti ebda definizzjoni ta' dan ir-reat iżda l-elementi essenzjali għas-sussistenza ta' l-istess huma ormai ben stabbilit fis-sistema ġuridika nostrali u huma derivanti mill-insenjament tal-ġurista Carrara, li jiddefinixxi r-reat ta' serq bħala *la contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro*.

Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem illi *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara* u l-elementi materjali u formali tar-reati derivanti minn tali definizzjoni huma ħamsa, ossia *1.The contrectatio of a thing. 2. belonging to others. 3. made fraudulently. 4. without the consent of the owner. 5. animo lucrandi*. Huma dawn l-elementi li jridu jiġu ippruvati sabiex persuna mixlija bir-reat ta' serq effettivament tinstab ħatja ta' l-istess. Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrali li r-reat ta' serq huwa kkonsmat u jissussisti fl-elementi kollha tiegħu fil-mument li *la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava*, irrispettivament mir-ritorn eventwali tar-*res furtiva*. Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kevin Tonna, Każ. Nru. 101/2020** deċiża fit-8 ta' Frar 2022, *il-ġuristi Taljani huma konkordi li għall-prova ta' dan l-element formali tar-reat, irid jintwera li l-att illeċitu jkun sar bid-dolo speċifiku cioè bil-konoxxenza u volontà ta' l-aġent li jakkwista xi vantaġġ għalih jew għal ħaddieħor:- "… nella nozione di profitto rientra qualsiasi utilità o sodisfazione, anche puramente morale, che l'agente intenda ricavare dall'impossessamento della cosa"*.

Fil-fehma tal-Qorti, bil-provi minnha prodotti, b'mod partikolari bix-xhieda ta' Nadine Muscat u ta' Kevin Colombo, u bil-filmati ta' CCTV cameras miġbura fil-kors ta' l-investigazzjoni, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova 'l hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati tar-reat ta' serq, kwalifikat bil-vjolenza, valur u xorta tal-ħaġa misruqa, a dannu ta' Nadine Muscat.
Apparte x-xhieda ta' Nadine Muscat, id-diretta interessata f'dan il-każ, li kienet ferm dettaljata u konsistenti, u fejn hija bla tlaqliq ta' xejn identifikat lill-imputat bħala l-persuna li seraqha u aggrediha, il-Pulizija ottjeniet, analizzat u pproduċiet bħala prova filmati ta' CCTV cameras fl-akkwati ta' fejn seħħ ir-reat in kwistjoni. Minn dawn il-filmati u mit-timeline mħejjija minn PC1087 Roderick Degiorgio, jirriżulta bl-iktar mod ċar li l-imputat mhux biss kien qiegħed fil-post tar-reat dakinhar li seħħ ir-reat, ossia fi Triq Emvin Cremona, Furjana, fit-8 ta' Marzu 2022, iżda li daħal fil-vettura ta' Nadine Muscat li kienet ipparkjata magħluqa, iżda mhux imsakkra, quddiem l-MSPCA il-Furjana, sakemm Muscat kienet tinsab ġewwa l-MSPCA. Jirriżulta b'mod ċar ukoll li meta ħareġ mill-vettura wara li kkonfrontatu Nadine kif ħarġet mill-MSPCA u sabitu fil-vettura tagħha, jidher sejjer lejn l-iskips li kien hemm faċċata b'basket f'idu. Dan il-bakset instab mill-Pulizija mormi wara l-iskips - u di fatti ġie esebit mill-Ispettur Lydon Zammit bħala Dok. "LZ6"[49] - u Nadine Muscat ikkonfermat li dak kien il-basket tagħha.

[49] Esebit Nru. KA/87/2022.

Id-deskrizzjoni mogħtija minn Nadine Muscat lill-Pulizija tal-persuna li seraqha u aggrediha kienet dettaljata u ċara, fejn hi identifikat b'mod partikolari tattoos li kellu dan il-persuna, u anke l-ħwejjeġ, senjatament il-ġakketta, li huwa kien liebes. Din id-deskrizzjoni, bil-ħwejjeġ b'kollox, tidentifika b'mod ċar lill-imputat li appuntu meta ġie arrestat ġewwa l-Marsa, ftit tal-ħin wara li seħħ ir-reat, kien liebes il-ħwejjeġ deskritti minn Nadine Muscat u li jidher fihom fil-filmati analizzati mill-Pulizija, ħwejjeġ dawn, inkluż il-backpack tiegħu, li ġew esebiti mill-Ispettur Lydon Zammit bħala Dok. "LZ5"[50] u wkoll rikonoxxuti minn Nadine Muscat.

Għal dak li l-oġġetti li nsterqu, Nadine Muscat iddikjarat li l-uniku oġġett ieħor li insteraq apparte l-basket, kien il-mobile tagħha, Iphone 13 Pro Mac ta' valur ta' madwar €1,000, affermazzjoni din li ma ġiet bl-ebda mod kontestata u/jew kontradetta mill-imputat. Dan il-mobile baqa' ma nstabx iżda mill-provi jirriżulta li ftit ħin wara s-serqa, ġie *tracked* minn Nadine Muscat stess fl-inħawi tal-Marsa, l-istess inħawi fejn ftit qabel kien ġie arrestat l-imputat odjern.

Minn dawn il-provi huwa ċar għalhekk li l-imputat huwa ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa ai termini ta' l-Artikolu 271(g) u anke bil-valur ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-vjolenza, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 262(1)(a)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li: *(1) Is-serq huwa kkwalifikat bil-'vjolenza' - (a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà. ... (2) Sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex jgħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.*

Meta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari x-xhieda ta' Nadine Muscat u ta' Kevin Colombo, il-filmati esebiti mill-Prosekuzzjoni u t-timeline mħejjija minn PC1087 Roderick Degiorgio u x-xhieda tat-Tabib Dr. Kyle Flores-Martin u ċ-ċertifikat mediku maħruġ minnu fir-rigward ta' Nadine Muscat, jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti tal-Liġi appena ċitati, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat ukoll bil-vjolenza.

Irriżulta b'mod ċar li l-imputat, minnufih wara li seraq il-basket ta' Nadine Muscat bil-mobile tagħha fih, irritorna lura ħdejn il-vettura ta' Muscat bl-iskop li jieħu il-backpack tiegħu, li kien ħallih warajh fil-vettura. Iżda, meta Nadine Muscat ippruvat twaqqfu milli jitlaq minn fuq il-post billi ma tħallihx jieħu l-basket tiegħu, l-imputat aggrediha b'mod vjolenti ħafna. Huwa ġibidha barra mill-vettura tagħha, tefagħha ma' l-art u kaxkarha, beda jagħtiha bil-basket f'wiċċha u fl-istess ħin rasha bdiet tinstabat mal-bankina. B'riżultat ta' din l-aggressjoni Nadine Muscat sofriet ġrieħi hekk kif riskontrat minn Dr. Kyle Flores-Martin fiċ-ċertifikat maħruġ minnu, liema ġrieħi ġew iklassifikati bħala ħfief salv kumplikazzjonijiet. Huwa evidenti li din l-aggressjoni da parte ta' l-imputat fil-

[50] *Ibid.*

konfront ta' Nadine Muscat tekwivali għall-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u per konsegwenza tirriżulta b'mod ċar ħafna u lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-kwalifika tal-vjolenza għar-reat ta' serq imwettaq a dannu ta' l-imsemmija Nadine Muscat.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, il-Qorti tirribadixxi li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Nadine Muscat kontra l-volontà tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha.

Din l-imputazzjoni ġiet riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali li biha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet previsti fl-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija v. Christopher Zammit"** pronunċjata fl-1 ta' Diċembru 2022, *sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti. Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:- "... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un' altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested." Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza reċenti tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Josmar Pace, qalet hekk in propositu ta dan id-delitt:- Fi kliem l-awturi Smith & Hogan l-arrest jissussisti 'by words alone if one submits. [vide Il-Pulizija v Albert Cassar deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.] Maino fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall-artikolu 86 tagħna a fol 112 para. 788; Vol II billi jgħid: "Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittma ogni possibilita di scampo o di soccorso" Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale jgħid: "Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non è totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. È necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Fil-fehma tal-Qorti r-reat li bih qed jiġi mixli l-imputat bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu ma jissussistix fil-każ in eżami u dana billi l-imputat fl-ebda ħin ma

żamm lil Nadine Muscat kontra l-volontà tagħha. L-ewwel darba li l-imputat ġie wiċċ imb' wiċċ ma' Nadine Muscat, huwa ħareġ jiġri mill-karozza tagħha u ħarab fid-direzzjoni ta' Triq Sant' Anna u t-tieni darba li huwa reġa' ġie wiċċ imb' wiċċ magħha, ossia meta mar lura lejn il-karozza biex jiġbor il-backpack tiegħu, hu u Nadine Muscat spiċċaw jissieltu għall-basket, fejn Muscat għamlet minn kollox biex ma tħallix lill-imputat jieħu l-basket tiegħu u jitlaq minn fuq il-post. Hija eventwalment telqet il-basket minn idejha meta ma felħitx iktar għall-uġiegħ waqt l-aggressjoni da parte ta' l-imputat. Iżda, jiġi ribadit li fl-ebda ħin ma ġiet hi miżmuma milli taħrab jew titlaq minn fuq il-post jew mod ieħor sekwestrata da parte ta' l-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova u tistabilixxi l-elementi meħtieġa għas-sussistenza tar-reat ta' sekwestru tal-persuna skond l-Artikoli 86 u 87 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għalhekk, il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Bit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Nadine Muscat, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Kyle Flores-Martin, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 3756, tal-Berġa tas-Saħħa, Floriana.

Din l-imputazzjoni ġiet riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali in kwantu bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif già iktar 'l fuq osservat, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat aggredixxa lil Nadine Muscat, u dana b'mod piuttost vjolenti, u li b'konsegwenza ta' tali aggressjoni Muscat sofriet ġrieħi, liema ġrieħi ġew riskontrati mit-Tabib Dr. Kyle Flores-Martin u minnu kklassifikati bħala ġrieħi ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali in kwantu baghat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.* L-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *meta peruna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor*

*fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.* L-Artikolu 289(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajham minn grad sa' tliet gradi.*

Għall-finijiet tal-prova tar-reċidiva l-Prosekuzzjoni, tramite x-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit[51], ippreżentat vera kopja ta' żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Wadea Al Maghrbi" pronunċjata fit-18 ta' Jannar 2019[52] u "Il-Pulizija v. Wadea Al Maghrbi" pronunċjata fis-7 ta' Diċembru 2018[53]. Mill-konnotati tal-persuna misjuba ħatja bl-imsemmija żewġ sentenzi, jirriżulta ferm evidenti li dak il-persuna fil-fatt huwa l-imputat odjern. Fiż-żewġ każijiet l-imputat instab ħati ta' reati li ma humiex ta' natura involontarja u ġie kkundannat għal perijodi ta' priġunerija effettiva. Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta b'mod ċar ħafna u lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda r-reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tosserva li dan il-provvediment tal-Liġi japplika biss fejn l-imputat ikun gia in preċedenza nstab ħati ta' reati ta' serq. Minn qari akkurat kemm tas-sentenzi esebiti mill-Ispettur Lydon Zammit kif ukoll tal-fedina penali ta' l-imputat[54], jirriżulta ferm ċar li l-imputat ma għandux kundanni preċedenti ta' reati ta' serq u għaldaqstant ma jistax jinstab li huwa reċediv ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati kif ukoll il-fatt li t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Decide:**

Għaldaqstant, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 261(a)(ċ)(g), 262(1)(a)(2), 267, 271(g), 274(ċ), 277(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tqis li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

---

[51] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2022, fol. 138 u 139 tal-proċess.
[52] Dok. "LZ7" a fol. 140 sa' 142 tal-proċess.
[53] Dok. "LZ8" a fol. 143 sa' 154 tal-proċess.
[54] Dok. "GM2" a fol. 8 sa' 12 tal-proċess.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Nadine Muscat. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin, li jibda jiddekorri minn dakinhar li l-imputat jiskonta l-piena imposta fuqu b'din is-sentenza, u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress li f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 543AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat iddikjara li ma jeħtieġx traduzzjoni bil-miktub tas-sentenza peress li hu sodisfatt bit-traduzzjoni orali li saret waqt il-qari tas-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**